Minuti tal-Laqgħa Nru. 30 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar l-Erbgħa, 1 t' Ottubru 2014 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sinjorina. Christina Sammut |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Tender Soft Areas
5. Ftehim tal-Koperazzjoni, Fontana
6. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvati.

## 2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Fuq punt 3.12, il-Kunsillier Caruana qal li din it-triq trid tiġi Triq San Ġorġ.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku qal li fuq il-Bandli kellu laqgħa mac-Chairman tal-MEPA s-Sur. Johann Buttigieg fejn kien diskuss il-proġett li jkun hemm pool kbira li tista tintuża minn kulħadd. Huwa spjega li għalkemm ic-chairman personalment ma kienx favur din il-proposta, huwa xorta waħda qallu li dan kien se jiċċekkja fuqha ma esperti oħrajn u jagħti risposta lura lill-Kunsill. Is-Sindku informa lill-Kunsill li għandna nirċievu email minn naħa tas-Sur. Buttigieg u b' hekk inkunu nistgħu nikkordinaw minn hemm. Is-Sindku qal li huwa se jkun qed jagħmel laqgħa mal-Perit li se jkun qed jieħu ħsieb biex jiddiskutu dan l-item u jkun hemm kordinament fuq dan il-proġett wara li jkun hemm risposta minn naħa tal-MEPA.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma fuq il-parti tal-ġnien fejn se ssir il-gabbana din trid tkun ippjanata mill-ewwel mal-proġett, biex anki jitħalla spazju apposta għaliha. Is-Sindku qal li din diġa qiegħda fil-pjanta u kellimna lis-Sur. Buttigieg fuqha.

3.3 Is-Sindku qara email minn naħa tal-Wasteserv fuq konferenza li kienet se ssir fuq il-bżonn tal-komunikazzjoni fil-qasam tal-ġbir tal-iskart. Din kienet se ssir fit-8 t' Ottubru

3.4 Is-Sindku ressaq email li waslet mingħand il-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta Soċjali fejn kienu qed jitolbu dettalji tal-kunsillier li huwa responsabbli mill-Anzjani biex dan jieħu ħsieb li jkunu kordinati gruppi biex isir befriending fost l-Anzjani. Huwa qal lis-Segretarju biex jgħaddi d-dettalji tal-Kunsilliera Massa.

3.5 Is-Sindku ressaq email oħra li waslet fuq inizjattiva dwar il-European Week for Waste Reduction fejn gejna mitluba bħala Kunsill biex nissottomettu inizjattiva li jekk tkun rebbieħa l-Kunsill jingħata somma.

3.6 Kien hemm email minn naħa tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fuq il-laqgħa plenarja tal-Kunsilliera li se ssir bejn is-17 u t-18 t' Ottubru. Huwa avża lill-Kunsilliera li dawn kellhom żmien sat-13 t' Ottubru biex jagħtu risposta.

3.7 Is-Sindku ressaq email oħra sabiex jinstabu anzjani li wettqu xi ħidma fir-raħal biex jiġu nominati li jingħataw biljetti b' xejn għal opera li se titella' l-Astra, Għawdex.

3.8 Is-Sindku ressaq email oħra li waslet mill-Olympic Committee biex jekk il-Kunsill għandu idea ta xi proġett li minnu tista tintuża żona għall isports dan jiddiskuttih magħhom sabiex jingħata għajnuna.

## 4.0 TENDER SOFT AREAS

4.1 Il-Kunsillier Camilleri talab lis-Sindku biex joħroġ barra waqt din il-parti billi huwa stqarr li ma jridx li jkollu kunflitt t' interess peress li wieħed mill-offerenti kien l-employer tal-mara tiegħu u kien għalhekk li hu ħareġ il-barra mill-kamra sakemm kien deċiż dan l-item.

4.2 Is-Sindku qara rapport li kien imħejji fuq il-kuntratturi li issottomettew l-offerti tagħhom. Minn ħames offerti kien hemm tlieta li ġew short listed (WM Environmental, Saviour Mifsud u ELC Ltd) billi l-kuntratturi l-oħrajn wieħed kellu prezz għoli u l-kuntrattur l-ieħor ma ssottomettiex id-dokumenti mitluba minnu fit-tender.

4.3 Il-Kunsillier Camilleri wara li sema l-ismijiet talab lis-Sindku biex joħroġ barra sakemm ikun diskuss dan l-item. Huwa qal li l-mara tiegħu kienet stqarret li wieħed mill-offerenti kien l-employer tagħha. Is-Sindku staqsieh minn kien dan l-offerent iżda minn naħa l-oħra huwa qal li ma jafx min hu. Is-Sindku f dan l-istadju talbu biex ikun skużat sakemm ikun deċiż dan l-item.

4.3 Is-Sindku semma kif kienu tqassmu l-punti fuq l-offerenti li ġew shortlisted fejn it-teknikalita u l-prezz ingħataw prijorita u t-tqassim sar 40% fuq il-prezz u 60% fuq it-teknikalita. Is-Sindku semma li għalkemm kemm WM Environmental Ltd u ELC Ltd it-tnejn għandhom l-affarijiet li qed jintalbu, ELC Ltd għandu aktar nies tas-sengħa fuq il-ġonna u hemm iktar apprat li jista jintuża għal dan ix-xogħol. Huwa semma li għalhekk il-Bord tal-aġġudikazzjoni kien iddeċieda li jqassam punteġġ ogħla fuq dan il-fattur. WM Environmental minn naħa l-oħra ipprovda prezz orħos u li għalhekk ingħata l-massimu tal-persentaġġ fuq il-prezz.

4.4 Fil-punteġġ WM Environmental ħa b' kollox 83 punt (40% fuq prezz u 43% fuq teknikalita), filwaqt li ELC Ltd ġab 90 punt (30% fuq il-prezz u 60% fuq it-teknikalita). Il-Bord għalhekk irrakkomanda lill-Kunsill Lokali biex jikkonsidra ELC Ltd. Is-Sindku issekondat mill-Viċi Sindku ipproponew sabie ELC Ltd jingħata l-kuntratt tas-soft areas. Il-membri l-oħra tal-Kunsill qablu b' vot unanimu fuq din id-deċizjoni.

## 5.0 FTEHIM TAL-KOPERAZZJONI, FONTANA

5.1 Is-Sindku semma li l-Parroċċa tal-Fontana jiċċelebraw il-festa ta Sant' Andrija ukoll f' Novembru. Huwa semma li sar kuntatt mal-Kunsill biex jsir forma ta' ftehim ta koperazzjoni bejn iż-żewġ lokalitajiet. Huwa qal li kien hemm risposta tajba u li se jkun hemm aktar kuntatt fuq dan l-item biex tiġi kordinata ħarġa għal matul iż-żmien tal-festa.

5.2 Is-Sindku ippropona li għal din l-okkażżjoni issir mawra għall Għawdex fejn fost il-postijiet jinżaru ir-Rabat (Arkadia), ikel ix-Xlendi u l-Knisja tal-Fontana. Is-Sindku qal li huwa diġa kellem lill-Kappillan t' hemm ukoll biex tiġi iċċelebrat quddiesa għal dakinhar taż-żjara.

## 6.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

6.1 Is-Segretarju ta rendikont lill-Kunsilliera fuq il-qligħ tal-Kunsill għal matul ix-xahar preċedenti.

6.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-pagamenti ta Stone Art jekk dawn ġewx iċċertifikati billi dawn dehru fuq is-schedule of payments tad-darba l-oħra u intalab li dawn ikunu iċċertifikati. Is-Segretarju semma li huwa kien assenja biss cheque għalihom f' każ li jkunu iċċertifikati mill-Perit sa qabel il-laqgħa li ġejja. Huwa qal li dawn jitħallsu biss wara li jkunu iċċertifikati.

Ma kienx hemm items oħra fuq l-aġenda li kellhom jiġu diskussi, għalhekk din ġiet eżawrita. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar l-Erbgħa 1 t' Ottubru 2014 fis-6.30 pm. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________ 2014.

______________________ ______________________

John Schembri
Sindku

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv